Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 258/2014

Il-Pulizja

Spettur Dennis Theuma

Vs

Malcolm Paul Bugeja

Illum 30 ta' Gunju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Malcolm Paul Bugeja, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 236682M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Jannar, 2007 u fit-tmintax (18) il-xahar ta' qabel din id-data:

a) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata flEwwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghallkontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li forna d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni

jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur talOrdinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-artikolu 22(2b) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mitTabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li forna d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut firregolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolamenti tal-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur talordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

c) F'kaz ta' htija l-Qorti hija mitluba titratta ma' l-imputat Malcolm Paul Bugeja talli kiser il-kundizzjonijiet ta' sentenza datata 1 ta' Novembru 2005 moghtija minn din l-istess Qorti fejn l-imputat kien gie liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 18-il xahar.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Gunju, 2014, fejn il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22 (2) (b) (i) u (ii) u 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, sabet lill-imputat hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet dedotti

kontrih, u kkundannatu ghal piena ta' sitt (6) xhur prigunerija effettiva u multa ta' elf Euro (€1,000).

In oltre, in vista tal-fatt li din il-Qorti sabet lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni, u cioe li kiser il-kundizzjonijiet tal-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata tal-1 ta' Novembru 2005 maghmula mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, il-Qorti, a tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ttrattat mal-hati ghall-imputazzjoni li dwarha hu kien tpogga taht tali ordni, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti ghal dik l-imputazzjoni, u filwaqt li ghal kull bwon fini tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjoni, tirrevoka l-ordni ghal liberazzjoni kondizzjonata maghmul bis-sentenza msemmija, u wara li rat it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta 7 u r-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-hati ghal multa ohra ta' hames mitt Euro (€500).

B'hekk il-hati huwa ikkundannat ghal piena karcerarja effettiva ta' sitt (6) xhur u multa komplessiva ta' elf u hames mitt Euro (€1,500).

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta il-multa komplessiva ta' elf u hames mitt Euro (€1,500) tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50.00). Lewwel pagament ghandu jsir mhux akar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b'din is-sentenza erogata, u ghall-dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika malawtoritajiet karcerarji din id-data. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Il-Qorti ordnat li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Malcolm Paul Bugeja, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-24 ta' Gunju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar it-tieni u t-tielet imputazzjoni u tirrevokaha dwar l-ewwel imputazzjoni ta' traffikar u fi kwalunkwe kaz taghti piena li aktar tixraq ghal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Malcolm Paul Bugeja huma s-segwenti w cioe':-

1. Dwar l-ammissjoni li sabet l-Ewwel Onorabbli Qorti fil-verbal:

Bir-rispett kollu jinghad illi ghalkemm tali verbal jirrizulta fattwalment tali ammissjoni tal-imputazzjonijiet kollha ma saritx. Ma kienx biss l-Avukat sottoskritt illi fehem hekk imma anke l-Ispettur li kien qieghed jipprosegwixxi. Hekk ukoll il-Qorti ghaliex kieku kien hemm ammissjoni tal-imputazzjonijet kollha ma kienitx taghaddi biex tisma' t-trattazzjoni fuq l-imputazzjoni tat-traffikar. U din l-imputazzjoni kienet dibattuta bil-qawwi.

Wiehed jista' jghid li dak li hemm fil-verbal jorbot, mhux meta manifestametn jidher li huwa zbaljat. Sfortunatament il-verabli li jkunu saru ma jinqarawx fl-awla biex jistghud jsiru l-korrezzjonijiet mehtiega u wiehed jafda.

Ezempju ta' kif verbal jista' jkun zbaljat jinstab f'dan il-process stess. Fis-seduta tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru hemm verbal li fih jinghad "l-imputat jezenta lill-imputat mis-sigriet profesjoniali" Certament dan il-verbal huwa skorrett ghaliex assolutament ma jaghmel sens ta' xejn. Incidentalment il-verbal jkunu dettati, u mhux dejjem jitnizzel preciz u fedelment. Dan hu ezempju.

F'dan il-kaz partikolari l-imputat kien qieghed jammetti l-pussess imma kien qieghed jikkontesta bil-qawwa kollha t-traffikar u dana fuq bazi legali.

Ghalhekk l-indizzji kollha juru li fil-fatt huwa qatt ma ghamel ammissjoni tal-imputazzjoni tat-traffikar mifhum mill-prosekuzzjoni, mid-difiza w anke mill-istess Qorti li kien hemm kontestazzjoni fuq l-istess kap ta' imputazzjoni.

2. "L-ammissjoni" mhux legittima, anke kieku saret.

Hemm kwestjoni ohra li turi li dak li ghadu kemm inghad bl-ewwel aggravju, imma li ghandha wkoll effetti legali serji. Meta imputat jew akkuzat jammeti l-akkuzi

kollha migjuba kontra tieghu, kull qorti hija obbligata li tiwissih bil-konsegwenzi, u taghtih zmien biex jirrifletti u terga' tistaqsih iridx jippersisti fl-ammissjoni tieghu.

Hemm xi verbal li dan sar? It-twiddiba u z-zmien ghar-riflessjoni? Ovvjmanet li le, ghax kieku tnizzel fil-verbal u anke fis-sentenza.

Dan hu dover impost mil-ligi ad validatem. La ma sarx, l-ammissjoni ma tistax titqies li saret.

3. Dwar it-traffikar

Dwar it-traffikar il-prosekuzzjoni gabet xhud certu wiehed Cilia li kien ghamel dikjarazzjoni guramentata u wara ngieb biex jixhed quddiem il-Qorti. Din il-persuna hija affetta minn problemi psikici. Meta xehdet quddiem l-Ewwel Onorabbli qorti kellha tinzamm arrestata biex forsi tixhed ghaliex l-ewwel kien hemm cahda kompleta ta' dak li kien qal quddiem il-Magistrat Inkwireti. Sussegwentement meta tela' jixhed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti huwa ma kkonfermax il-kontentu tal-istatement imma meta gie mistoqsi jekk dik l-Istqarrija ghamiliex huwa qal li kien ghamilha. Pero' hawn bahar x' jaqsam bejn li wiehed ikkonferma l-kontentu jew inkella jghdi lihu dik id-dikjarazzjoni kien ghamilha. Biex tigi spjegata din id-differenza jekk wiehed jigi mistoqsi kienx xehed quddiem il-Magistrat f'guri jekk jirrispondi iva jiena xhedt quddiem il-Magistrat ma jfissirx illi qieghed jikkonferma dak li jkun xehed quddiem il-Magistrat. Meta jkun qed jixhed quddiem il-Qorti jista' jkun hemm varjazzjonijiet minn dik ix-xhieda. F'dan il-kaz dik il-prova univoka li kellha ssir ma sartix.

Illi skond is-sentenza ta' Pierre Gravina, id-dikjarazzjoni guramentata ta' xhud quddiem il-Magistrat Inkwirenti ma jkolha l-ebda validita' jekk ma tinghatax opportunita' tal-kontro ezami lill-imputat jew akkuzat. Issa x'inhuwa l-iskop tal-kontro-ezami? L-iskop tal-kontro ezami huwa biex dik il-verzjoni li jkun ta' xhud tista' tigi kontradetta, challenged u sahansitra tigi reza inattendibbli minhabba l-karattru jew il-komportament tax-xhud jew inkella d-diversi posizzjonijiet li jiehu. Ikrah kemm hu ikrah ir-reat tat-traffikar tad-droga, pero' hemm principju ikta bil-wisq importanti illi hija dik illi ssir gustizzja u li dejjem issir il-gustizzja minkejja d-diffikultajiet kollha li jkollha. Jekk il-kontro ezami ma jservi ghal xejn specjalmetn

quddiem Imhallef jew quddiem il-Magistrat togat allura hija biss cerimonja u xejn aktar. F'danil-kaz ma kienx hemm htiega ta' xi kontroezamijiet approfonditi peress illli l-istess xhud ma kienx qieghed jikkonferma univokament il-kontenut tal-istatement li kien ghamel. Ghalhekk dik il-prova ma kientix tirrizulta u huwa kellu jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni. Jirrizulta wkoll mill-verbal li kien sar propju fl-ewwel seduta illi l-imputat kien qighed jammeti l-pussess pero' qatt ma ammetta t-traffikar.

Dwar il-piena.

L-ewwel Onorabbli Qorti dahlet sewwa fil-kwistjoni tal-piena. L-appellanti rnesxxielu li f'dawn l-ahhar hames snin kien assolutametn il-boghod mid-droga jew xorb, jahdem xoghol full time mal-familja, jaghmel xoghol part-time mal-Oasi Foundation Rehabilitation Programme bhala night officer, attif fil-ghaqda tan-narkotici anonimi fejn jghin lil addicts halli jibqghu clean, ghandu relazzjoni stabbli ta' tliet snin u nofs u gejja tarbija fid-dinja. Qed jibni post ghalih urnexxielu jikseb il-fiducja mhux biss tal-familja imma wkoll tas-socjeta'.

Illi ghalhekk il-kwistjoni tal-piena ghandha certament fi kwalunkwe kaz tigi varjata billi dawk it-tliet xhur li huwa ghamel bhal residenti fi programm tar-riabilitazzjoni u ghadu jaghmel dak ix-xoghol jitnaqqsu minn kwalunkwe piena keiku kellha din tinghata.

Ghandu jinghad ukoll illi kieku din is-sentenza nghatat qabel u kien ikun fuq l-Appell kien jibbenefika wkoll mill-amnestija li nghatat fis-7 ta' Gunju, 2013. Dak ma kienx ikun beneficcju zghir. L-isfortuna hija li damet is-sentenza u l-process kollu fil-kompless tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi dan l-appell jikkoncerna biss konsiderazzjonijiet dwar is-sejbien ta' htija ghall-ewwel imputazzjoni dedotta kontra l-appellanti u cioe' dik fejn huwa gie mixli bir-reat tat-traffikar tad-droga erojina. L-appellanti jargumenta illi l-provi in sostenn ta' dina l-akkuza huma wisq fjakki sabiex iwasslu ghal htija tieghu ghal dan ir-reat lilu addebitat. Dan ghaliex l-unika prova li tinsab fl-atti hija ix-xhieda ta' certu Dennis

Cilia li stqarr li hu kien jakkwista d-droga erojina minn ghand l-appellanti u dan ghal perijodu ta' madwar sena u nofs. Ighid illi Cilia kien stqarr dan fi-xhieda guramentata moghtija minnu ai termini ta'l-artikolu 30A tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Meta imbaghad jixhed fil-Qorti fis-seduta tas-07 ta' April 2008 huwa jirtira dina l-allegazzjoni u ghall-ewwel jistqarr illi lill-appellanti lanqas biss jafu. Mizmum arrestat ghal ftit inqas minn siegha, meta jerga' jiehu l-pedana tax-xhieda Cilia b'reticenza kbira jistqarr illi huwa kien jixtri id-droga minn ghand l-appellanti izda jinsisti illi huwa gie imgieghel isemmi lill-appellanti minn certu Matthew Micallef li kien mizmum l-isptar Monte Carmeli mieghu u li kien ghamel hekk ghax kien imbezza' minn dan Micallef. Inoltre d-difiza issostni illi dan Cilia kien afflitt minn mard mentali u kien taht il-kura tal-psikjatra Dr. Joseph Spiteri. Kwindi ix-xhieda tieghu iktar u iktar hija wahda li hija "unsafe and unsatisfactory" u l-Qorti ma tistax tistrieh fuqha.

Issa minn ezami ta'l-iter processwali f'dan il-kaz li dam ghaddej kwazi disgha snin, huwa evidenti illi l-unika prova li ressqet il-Prosekuzzjoni in sostenn ta'l-ewwel akkuza hija fil-fatt ix-xhieda guramentata moghtija minn certu Dennis Cilia quddiem l-Inkwirenti u ix-xhieda sussegwenti moghtija fil-Qorti li hija mizghuda b'inkonsistenzi u reticenza minn naha ta' dan ix-xhud li ghall-ewwel jistqarr illi lill-appellanti ma jafux, imbaghad ibiddel din il-verzjoni wara li jinzamm arrestat u jistqarr illi kien jixtri d-droga minn ghand l-appellanti. Id-difiza allura qed targumenta illi din il-prova ma hijiex sufficejenti fil-kamp penali ghalbiex tigi stabbilita ir-reita' ghall-ewwel imputazzjoni u dan ghaliex fl-ewwel lok, ix-xhud huwa inkonsistenti, ix-xhud huwa afflitt minn mard mentali u lanqas jikkonferma l-kontenut ta'l-istqarrija guramentata meta jaghti ix-xhieda tieghu fis-seduta tas-07 ta' April 2008.

Ikkunsidrat,

Illi fit-termini tad-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' fil-kawzi dwar id-drogi, l-legislatur holoq ghodda gdida f'idejn l-investigatur sabiex ikun jista' jikseb prova li altrimenti hija inammissibbli fil-konfront tal-ko-akkuzat. Illi l-artikolu 30 tal-Kapitolu 101 jipprovdi espressament illi:

***"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 639(3) tal-Kodiċi Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'oħra kisbet jew akkwistat mediċina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi proċedimenti kontra l-persuna li mingħandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-mediċina, m'għandhiex għalfejn tkun korroborata b'ċirkostanzi oħra."***

Isegwi imbaghad l-artikolu 30A li jiddisponi illi:

***"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali, meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il- persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi."***

Mela allura l-ligi tad-droga tistabilixxi ir-regola illi x-xhieda ta' persuna li tkun xtrat id-droga minn ghand persuna ohra wahedha hija sufficjenti u m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata minn cirkostanzi ohra ta' fatt. Inoltre jekk persuna tkun offriet stqarrija ikkonfermata bil-gurament quddiem magistrat, din ghalkemm moghtija qabel ma ikun inbeda il-process penali fil-konfront tal-persuna akkuzata (fl-hekk imsejjah *pre-trial stage*), hija prova valida. Il-gurisprudenza, izda ziedet ma din ir-regola l-htiega illi il-persuna li tkun offriet tali stqarrija guramentata tingieb il-Qorti sabiex tixhed u dan sabiex id-difiza ikollha kontroll fuq dik il-prova mahluqa bil-ligi. Dan ukoll in linja mal-garanziji kostituzzjonali li jinsabu fil-qafas ta' kull process penali. Kwindi **"… bhala regola, min ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat. F'dan is-sens ukoll esprimiet ruhha l-Qorti Ewropea fil-kawza Kostovski v. Netherlands (20 ta' Novembru, 1989) meta qalet li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu** ***does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the***

***rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings[1]"***

Issa minn ezami ta'l-atti johrog bhala fatt stabbilit illi l-appellanti kellu kull opportunita ta' kontroll fuq ix-xhieda ta' Dennis Cilia. Dan ghaliex mhux biss dan Cilia ingieb jixhed fil-Qorti sabiex jikkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu quddiem l-Inkwirenti, izda kellu kull opportunita li jghamillu l-kontro-ezami u sahansitra bil-kunsens ta'l-istess xhud tressaq il-Psikjatra Joseph Spiteri sabiex jixhed dwar l-istat ta' sahha mentali ta' dan ix-xhud. Issa l-Psikjatra Dr. Joseph Spiteri fix-xhieda tieghu tas-06 ta' Lulju 2009 jistqarr illi kien isegwi lil Cilia ghal perijodu bejn it-03 ta' Dicembru 2006 u is-27 ta' Settembru 2007 fejn huwa kien qieghed jaghtih il-kura ghal probelma li kellu tad-droga u allura ighid illi l-istat mentali tieghu kien wiehed stabbli. Jidher ghalhekk illi l-problemi li kellu dan Cilia kienu relatati mal-vizzju tad-droga li allura kien qed jaffettwalu l-istat ta' sahha mentali tieghu ukoll. Ighid il-Psikjatra illi Cilia ma kienx affett minn ebda sintomi psikjatrici akuti, ma kienx deluz u ma kellux hsibijiet ohra mhux skont in-norma. Ighid illi ghalkemm kien ibati mid-depressjoni, madanakollu l-istat mentali tieghu kien wiehed stabbli. Dan ifisser allura illi meta Cilia irrilaxxja l-istqarrija guramentata tieghu quddiem l-Inkwirenti fil-5 ta' Jannar 2007 filwaqt illi kien qed jinghata l-kura ghal problemi li kellu, huwa ma kienx affett minn ebda mard psikjatriku u l-istat mentali tieghu kien stabbli.

Dan iwarrab ghalhekk kull dubbju dwar il-validita o meno ta' dak dikjarat mix-xhud kemm fix-xhieda guramentata tieghu kif ukoll fix-xhieda moghtija minnu fil-Qorti u dan ghaliex jidher illi meta xehed huwa kien qed jifhem dak li kien qieghed jistqarr.

Illi ghalkemm huwa minnu illi meta ix-xhud Cilia jixhed quddiem l-Ewwel Qorti huwa ghall-ewwel jistqarr illi lil Bugeja ma jafux u li qatt ma xtara droga minn ghandu, huwa madanakollu bil-wisq evidenti illi hawn ix-xhud mhux qed ighid il-verita'. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fis-26 ta' Marzu

[1] Il-Pulizija vs Pierre Gravina – deciza 26/05/2003

2009 fil-kawza l-ismijiet il-Pulizija vs Massimo Caruana inghad hekk dwar id-disposizzjoni ta'l-artikolu 30A:

**"Illi dina id-disposizzjoni li ddahhlet ghall-ewwel darba fl-Ordinanza Kap.101 bl-Att XI tal-1994 kellha proprju l-ghan li tovvja ghal sitwazzjonijiet bhal dawn fejn xhieda ghall-motivi varji li jista' jkollhom, ibiddlu l-verzjoni taghhom bejn l-istqarrijiet li jkunu ghamlu *a tempo vergine* u x-xhieda taghhom sussegwenti meta jigu prodotti bhala xhieda fil-processi kontra s-suppliers tad-droga. X'ikunu dawn il-motivi wiehed ma jridx jithabat wisq biex jifhem."**

Illi allura meta Cilia jitla' jixhed fil-Qorti huwa jirtira dak li kien qal fl-istqarrija guramentata tieghu bl-iskuza illi huwa kien gie imgieghel jimplika lill-appellanti ghaliex kien qed jigi rikattat minn certu Matthew Micallef u ghalhekk ghamel dan billi kien qed jibza' minnu. Illi meta x-xhud ghall-ewwel jigi wicc'imb wicc mal-appellanti jichad illi jafu, u dan wara id-dettalji li ta dwaru fl-istqarrija guramentata tieghu fejn anke igharrfu minn fuq ritratt muri lilu. Huwa ghalhekk evidenti illi mhux qed ighid il-verita ghaliex wara li jinzamm arrestat ghal xi minuti imbaghad jistqarr dak li kien qal *a tempo vergine* u cioe' illi hu kien jakkwista d-droga minn ghand l-appellanti u anke igharrfu fl-awla. Illi di piu jikkonferma kemm illi huwa kien irrilaxxja l-istqarrija guramentata li hemm fl-atti, izda ukoll fuq mistoqsija tal-Ewwel Qorti, kuntrarjament ghal dak li jikkontendi l-appellanti, jikkonferma l-kontenut taghha[2].

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju illi dak mistqarr minn Dennis Cilia fl-istqarrija guramentata tieghu, kif sussegwentment ikkonfermata fil-Qorti, ghandha mis-sewwa u ser tistrieh fuqha. Ghaldaqstant tirrizulta r-reita ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta din il-Qorti ma tistax tinjora diversi fatturi li kollha kemm huma ghandhom jigu riflessi fil-*quantum* ta' l-imsemmija piena li skont il-ligi necessarjament trid tkun wahda ta' inkarcerazzjoni. Illi fl-ewwel lok kif mistqarr mill-Prosekuzzjoni, l-appellanti ghandu jibbenfika mill-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kap.101 biex b'hekk il-piena ghandha tigi ridotta

[2] Ara xhieda ta' Dennis Cilia a fol.45 tal-process

b'zewg gradi. Inoltre dan il-kaz ilu issa ghaddej 'il fuq minn disgha snin f'liema perijodu ta' zmien l-appellanti irriforma hajjtu b'mod assolut, ghandu hajja stabbli b'impjieg fiss u anke ifforma familja. Mhux biss izda mill-esperjenza negattiva li ghadda minnha ta' snin iddominat mill-abbuz ta' droga, huwa qieghed issa ighin lil haddiehor li ghaddej mill-istess pjaga bhal dik li kien afflitt minnha hu. Illi ghalkemm kif inghad f'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti kienet tkun moghnija b'ghodda ahjar li kieku setghet taghti piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija, madanakollu l-ligi ma taghtihiex din l-possibbilita li tkompli tghin fir-rijabilitazzjoni ta'l-appellanti, izda hija kostretta terga' titfghu lura meta ser ikollha necessarjament tghaddi ghall-inkarcerazzjoni anke jekk ghal zmien qasir bit-tama li din il-piena ma tkunx wahda kontro-producenti ghal progress li sar fil-hajja ta'l-appellanti. Illi ghaldaqstant il-Qorti ser tinfliggi l-piena fil-minimu taghha u bis-setgha moghtija lilha bis-sahha ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta din il-piena ser tinzel b'zewg gradi ghal dak li jirrigwarda l-piena karcerarja filwaqt li il-multa ser tonqos bin-nofs.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad t-tielet aggravvju sollevat mill-appellanti, tilqa' l-ahhar aggravvju billi filwaqt li tikkonferma s-sentenza ta'l-Ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena inflitta u tikkundanna lill-appellanti ghal piena ta' xahrejn prigunerija u multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250).

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur